# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 21/13 NHV

Numru fuq il-Lista: 18

**Zammit Joseph– K.I. 373863(M)**

**vs.**

**Zammit Busuttil Rosaria**

It-Tribunal

## Preliminari

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2013, li permezz tiegħu:

l-attur Joseph Zammit (K.I. 373863M) ta' 74, Triq Santu Wistin iż-Żejtun, bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ppreseduta mill-Maġistrat A. Mizzi mogħtija nhar id-19 ta' Ġunju 2009 rikors Nru. 937/2006 (annessa u mmarkata bħala Dok. 'A'), għandu jitħallas is-somma ta' seba' mija, tlieta u erbgħin euro u seba' ċenteżmi (€743.07c) mingħand il-konvenuta Rosaria Zammit Busuttil.

Illi minkejja li ġiet interpellata mill-attur għal diversi drabi, il-konvenuta Rosaria Zammit Busuttil baqgħet inadempjenti għall-ħlas ta' dan l-ammont u cioe seba' mija, tlieta u erbgħin euro u seba' ċenteżmi (€743.07c).

Għaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dan it-Tribunal sabiex il-konvenuta tħallas is-somma dovuta lilu u cioe seba' mija, tlieta u erbgħin euro u seba' ċenteżmi (€743.07c), bl-ispejjeż tal-ittra uffiċjali u bl-imgħaxijiet kollha dovuti mid-data meta l-ammont ta' seba' mija, tlieta u erbgħin euro u seba' ċenteżmi (€743.07c) sar dovut.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata ippreżentat ir-**risposta** tagħha fil-11 ta' Lulju 2013, fejn hija eċċepiet:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, peress illi r-riżarċiment tal-ħsarat jirrisali għas-sbatax-(17) ta' Lulju 2006;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni hija preskritta wkoll bid-dekors ta' ħames snin;

3. Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda prodotti mill-partijiet.

Ra s-**sentenza preliminari** mogħtija minn dan it-Tribunal fit-28 ta' Jannar 2014 fejn it-Tribunal ċaħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta u cioe illi t-talba tal-attur hija preskritta u konsegwentement it-Tribunal ordna il-prosegwiment tal-kawża dwar il-mertu.

Ra r-**risposta ulterjuri** tal-konvenuta, ippreżentata fl-10 ta' Lulju 2014, fejn hija eċċepiet :

> Illi l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2154(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress illi riżarċiment għall-ħsarat jirrisali għas-sbatax-(17) tal Lulju 2006.

Ra l-verbal tal-21 ta' Novembru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza finali.

**Konsiderazzjonjiet**

F'din il-kawża ftit inġiebu provi u dan għaliex min-natura tal-każ, huwa iktar meħtieġ eżami ta' natura legali milli fattwali.

Il-fatti mhux kontestati huma s-segwenti:

- Il-konvenuta, permezz ta' sentenza ddatata 19 ta' Ġunju 2009, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, instabet ħatja,
- fost akkużi oħra, li hija għamlet ħsara volontarja fi propjeta` għad-dannu ta' Joseph Zammit. Irriżulta li hija qaċċtet iż-żewġ mirja laterali tal-karozza tal-imputat tal-għamla Fiat Bravo, bin-numru ta' reġistrazzjoni EBF854. Il-ħsara li għamlet l-imputata tlaħħaq is-somma ta' Lm319 (tlett mija u dsatx il-Lira Maltin). Il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputata ħatja iżda lliberatha bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar mid-data tas-sentenza.

- L-attur baqa' ma tħallasx id-danni lilu kkawżati u għalhekk ipproċeda fil-Qorti Ċivili biex jitlob ir-riżarċiment tad-danni u dana billi fis-26 t'Ottubru 2012 ippreżenta ittra uffiċċjali fil-konfront tal-konvenuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra ġiet respinta mill-konvenuta u l-ħlas baqa' ma sarx. L-attur, kwindi, intavola l-kawża odjerna.

Fil-kawża odjerna, ir-responsabilta` tal-konvenuta mhix qed tiġi kkontestata. Lanqas m'huwa qed jiġi kontestat il-quantum tad-danni kif ġie stabbilit mil-Qorti tal-Maġistrati li jlaħħaq is-somma ta' tliet mija u dsatax-il Lira Maltija (Lm319), illum ekwivalenti għas-somma ta' seba' mija, tlieta u erbgħin euro u seba' ċenteżmi (€743.07c). L-ebda prova ma nġiebet fil-kuntrarju ta' dan deċiż mil-Qorti tal-Maġistati.

Għaldaqstant, il-kwistjoni li reġa' għandu quddiemu dan it-Tribunal hija waħda ta' preskrizzjoni. Il-konvenuta ssostni li l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2154(1) tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili) li jistipula:

> ***2154.*** *(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.*

Fil-każ in eżami, il-konvenuta ssostni li l-azzjoni kriminali fil-konfront tagħha kienet waħda li tattira preskrizzjoni ta' sentejn, u għaldaqstant l-azzjoni ċivili fil-konfront tagħha għandha wkoll terminu preskrittiv ta' sentejn u cioe sentejn minn meta seħħ ir-reat u allura mis-17 ta' Lulju 2006. Kwindi, gialadarba l-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi ġiet ippreżentata fis-26 t'Ottubru 2012, it-terminu preskrittiv kien diġa skatta u għaldaqstant l-azzjoni odjerna fil-konfront tagħha ma tistax tirnexxi.

L-attur jirribatti dan l-argument legali b'argument legali ieħor u cioe billi jgħid li bejn il-miżżewġin ma timxix il-preskrizzjoni u dana bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2123(a) tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

> ***2123.*** *Il-preskrizzjoni ma timxix -*
> *(a) bejn ir-raġel u l-mara...*

L-abbli difensur tal-attur irrileva li l-kwistjonijiet kollha emanenti minn dan l-artikolu fil-liġi tagħna ġew deċiżi bis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2014 fil-kawża <u>John Baptist Sammut vs. Marina Ciarlo</u> (Rikors Ġuramentat: 600/2009) fejn intqal:

> *Is-separazzjoni ma ġġibx fi tmiemha r-relazzjoni ta' raġel u mara miżżewġa, iżda tawtorizza biss il-firda tagħhom. Is-separazzjoni ġġib biss attenwazzjoni fir-rapport maritali, iżda l-koppja tibqa' titqies miżżewġa, tant li s-sempliċi fatt ta' rikonċiljazzjoni jittermina l-effetti personali tas-separazzjoni mingħajr ebda ħtieġa ta' formalita` ulterjuri.*
>
> *Il-konvenuta torbot l-iskop ta' dan l-artikolu mal-eżistenza tar-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, u tgħid li darba ġie terminat dan*

*ir-reġim ma hemm xejn li josta għad-dekors taż-żmien għall-estinzjoni tal-azzjonijiet spettanti lill-partijiet. Koppja miżżewġa, pero`, mhux bil-fors li jkollha r-reġim finanzjarju tagħha regolat bis-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-liġi tissospendi l-preskrizzjoni bejn ir-raġel u l-mara anke jekk bejniethom topera sistema ta' separazzjoni tal-beni. Is-sospensjoni tal-preskrizzjoni hija relatata mal-istat taż-żwieġ, u dment li dan għadu jissustixxi, teżisti bejn il-koppja relazzjoni li ma tippermettix li jibda jiddekorri ż-żmien tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' pretensjonijiet reċiproċi. Is-separazzjoni, kif jiddisponi l-Artikolu 35 tal-Kodiċi Ċivili, iġġib fi tmiemha "l-obbligu ta' bejniethom li jgħixu flimkien", pero`, ma ttemmx ir-rabta. Tant hu hekk li jekk wara s-separazzjoni, il-mara jew ir-raġel ikollhom relazzjoni intima ma' barrani, huma jkunu teknikament ħatja ta' adulterju.*

L-Onorabbli Qorti tal-Appell tiċċita in sostenn tad-deċiżjoni tagħha lill-ġurista Ricci u wkoll sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Cassazioni Taljana.

Fil-każ in eżami, jirriżulta li sakemm ġiet intavolata l-kawża odjerna, l-partijiet kienu teknikament miżżewġin, għalkemm separati. Iż-żwieġ tagħhom ġie maħlul fis-16 ta' Jannar 2014 u cioe fil-mori tal-kawża odjerna.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq esposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenuta, jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' seba' mija, tlieta u erbgħin ewro u seba' ċenteżmi (€743.07c), bl-imgħax legali dekorribbli mis-26 t'Ottubru 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 2526/2012, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, jkunu a karigu tal-konvenuta.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur